**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 23 ta' Lulju 2025**

**Kumpilazzjoni Numru: 131/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ritienne Gauci)**

**vs**

**Tonio Friggieri**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Tonio Friggieri ta' 53 sena, iben Leonard u Veronica xebba Monreal, imwieled gewwa Sliema nhar it-08 ta' Dicembru, 1969 u residenti gewwa fond numru 72, Triq Farsons, Hamrun u detentur tal-karta ta' identita' bin-numru 3870 (M);

Akkuzat talli fix-xahar ta' Gunju, 2021, ix-xhur u snin ta' wara ġewwa dawn il-Gzejjer:

1. Approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' hames t'elef u sitt mitt Ewro (€5,600) ghad-dannu ta' Joseph Difesa, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga

jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamest elef Ewro [sic] (€5,600).

3. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel qligh iehor b'qerq, bi hsara ta' aktar minn hamest elef ewro [sic] (€5,600) a detriment ta' Joseph Difesa.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex b'zieda ma' kull peina, tordna lill-hati sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiza kull haga minnu misruqa jew li hu jkun xjentement laqa' ghandu b'ricettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qligh iehor kontra l-ligi bi hsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat, jew li jhallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jigi stabbilit mill-Qorti bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghal xi danni jew offiza jew hsara ohra ai termini tal- Artikolu 15A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mil-ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplati, fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

3. Rat li fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2025 l-imputat irregistra ammissjoni ghall-ewwel imputazzjoni dedotti kontra tieghu.

4. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu hija ta' sentejn prigunerija u

ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

5. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

6. Fl-istess seduta tat-12 ta' Mejju 2025, il-Prosekuzzjoni iddikjarat li t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet huma alternattivi ghall-ewwel imputazzjoni ta' misappropjazzjoni

7. Semghet ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Dylan Santillo, u r-rapport minnu ezebit.

8. Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu.

10. In vista tad-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li t-tieni u t-tielet imputazzjoni huma alternattivi ghall-ewwel imputazzjoni – u effettivament ma jistghax ikun mod iehor – il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

11. Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni tal-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u rregistra ammissjoni fl-iktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri – u cioe fl-istess gurnata li fiha inqrat ic-citazzjoni. Ghalhekk huwa ma heliex il-hin u r-rizorsi ta' din il-Qorti u tal-forzi tal-ordni.

12. Il-fedina penali tal-imputat m'hix wahda allarmanti. Huwa ghandu zewg kundanni minn dawn il-qrati talli naqas li jissottometti d-denunzja u li jhallas l-ammont minnu dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi.

13. In oltre, l-imputat irrifonda lill-parti offiza l-ammont minnu misapproprjat qabel giet moqrija c-citazzjoni. Dan gie konfermat mill-parti offiza stess Joseph Difesa meta xehed f'dawn il-proceduri. In oltre Joseph Difesa xehed li hu u l-imputat regghu saru hbieb, tant li hu ta xi xoghol iehor lill-imputat.

14. Mix-xhieda u mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta li l-imputat jghix hajja stabbli, fejn jidher li jqatta' l-maggoranza tal-hin tieghu x-xoghol. Peress li huwa jahdem ghal rasu, il-hinijiet tax-xoghol tieghu huma relattivament flessibbli. In oltre ma jirrizulax li l-imputat ghandu l-vizzju tad-droga jew xi vizzji ohra.

15. Il-Qorti tirrileva li l-imputat irrikonoxxa mill-ewwel l-izball tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni li piena karcerarja effettiva jew sospiza mhix wahda idonea fil-kaz odjern. Pero hu aktar opportun li l-imputat jwettaq ordni ta' xoghol ta' servizz fil-kommunita bla hlas, biex jikkumpensa lis-socjeta ghall-izball li ghamel. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, kif ukoll tal-fatt li l-ammont ta' flus misapproprjat kien ta' hamest elef u sitt mitt Euro (€5,600) – ammont relattivament mhux kbir - il-Qorti tqis li n-numru ta' sieghat ta' xoghol ta' servizz fil-kommunita bla hlas ghandu jkun wiehed lejn il-minimu.

**Konkluzjoni**

16. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront tal-imputat;

2. Wara li rat l-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu.

3. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti qieghda ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita, billi jaghmel xoghol bla hlas ghal mitt (100) siegha, f'dak il-post u skont

l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-Probation u Parole, bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti, u bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess Ordni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

17. Din l-Ordni qed issir wara li din il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u semplici l-effett ta' l-Ordni u li jekk huwa jonqos li tikkonforma ruhha maghha jew taghmel xi reat iehor, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

18. Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbghat lid-Direttur tal-Probation u Parole.

19. Il-Qorti tordna li fi zmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**